# Lectio Divina
## Ir-4 Ħadd tar-Randan
## Sena Ċ

### Lq 15:1-3,11-32

Fil-kap. 15 ta' *Lq* Ġesù juri l-ħniena ta' Alla. Mhux sempliċiment il-ħniena in ġenerali, imma t-tip ta' ħniena ta' Alla murija minnu f'dak li kien qed jagħmel: jilqa' lill-midinbin għandu fil-miftuħ u hekk jisfida l-mentalità tal-Fariżej u l-kittieba. L-ewwel żewġ parabboli li jiġu qabel, tal-nagħġa l-mitlufa u tad-drakma l-mitlufa, iħejju l-parabbola tal-missier ħanin. Hemm żewġ modi ta' kif wieħed ikun mitluf: 'l barra mid-dar bħan-nagħġa, u ġod-dar bħad-drakma. It-tfittxija għall-midinbin trid issir kemm barra kif ukoll ġewwa u dan hu li se jagħmel il-missier tal-parabbola.

Dan il-kap. idur kollu mal-verbi "titlef", "issib", "tifraħ", li huma ripetuti seba' darbiet, u li juru s-sens tal-parabboli.

**v. 1-2: F'dak iż-żmien, il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom lejn Ġesù biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!".**

F'din ix-xena jitħejja l-paradoss li fuqu se tinbena l-parabbola tal-missier ħanin. Dawk li bi kriterji umani huma meqjusa mbiegħdin huma dawk li huma l-eqreb lejn Alla u qed imorru għand Ibnu mibgħut fid-dinja. Dawk li jqisu ruħhom bħala l-eqreb jiskopru li huma mbiegħdin u li anki huma għandhom bżonn tal-konverżjoni. Filwaqt li l-pubblikani u l-midinbin "jersqu bi ħġarhom", il-Fariżej u l-kittieba jgemgmu. It-tgemgim huwa sinjal ta' reżistenza u mrar kontra dak li qed jiġri, l-inkapaċità li wieħed jagħraf u jfaħħar lil Alla għall-għeġubijiet li qed isiru: "*Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u tħassib, ħalli tkunu nies bla għajb u safja, ulied Alla*" (*Fil* 2, 14).

**v. 11-14: U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru: "Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid". U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra.**
Għandna ribelljoni ta' iben kontra missieru li mhux biss irid jitlaq mid-dar, imma jaqta' kull relazzjoni ma' missieru, tant li jittrattah qisu mejjet bit-talba li jagħmillu għas-sehem tiegħu. Diġa' għandna indikazzjoni dwar il-karattru tal-missier, meta ma jirrifjutax it-talba ta' ibnu, jirrispetta t-talba tiegħu, u lilu u lil ħuh jagħtihom kulma kellu biex jgħix (bil-Grieg *ton bion*, mhux sempliċiment il-ġid li kellu). Fid-dawl ta' din it-tjieba, huwa evidenti li l-iben għandu idea żbaljata ta' missieru. Jitbiegħed u jfittex esperjenzi opposti għal kollox ta' dawk li kellu d-dar.

**v. 14-17: Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.**
L-iben jaħli l-ġid li ħallielu missieru u hawnhekk tispiċċa l-aħħar rabta li kien għad baqagħlu miegħu. Qalb il-problemi li jinqalgħu jibda jinduna li r-riżorsi tiegħu mhumiex biżżejjed fil-waqt tal-bżonn u għalhekk jeħtieġlu jserraħ fuq xi ħadd. Ikun kostrett jammetti li l-ideal tal-awto-suffiċjenza li huwa fil-qalba tar-ribelljoni tiegħu lejn missieru jwasslu għall-falliment. Hawnhekk jibdew il-paradossi l-kbar: ħareġ mill-komunjoni ma' missieru biex daħal f'komunjoni ma' wieħed barrani. "*Telqu lili, għajn ta' ilma ġieri, u ħaffru għalihom bjar, bjar imxaqqin li ma jżommux ilma*" (*Ġer* 2, 13). Fid-disperazzjoni jispiċċa jagħmel l-agħar xogħol, saħansitra jsib ruħu agħar mill-ħnieżer li suppost qiegħed jirgħa. Jibda' jixtieq l-ikel tal-ħnieżer bħala soluzzjoni għallinqas temporanja, imma lanqas din ma jista' jsib. Meta nkun imbiegħed mill-Missier x'inhu dak l-ikel tal-ħnieżer li bih infittex li nimla żaqqi?

**v. 17-19: Imbagħad daħal fih innifsu u qal: "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek".**

Il-qagħda traġika li fiha jinsab l-iben ittemm l-illużjonijiet tiegħu, mhux biss dawk li kien qed jgħix wara li ħarab mid-dar, imma l-idea falza ta' missieru li kellu qabel. Allura din il-qagħda hija *grazzja* għalih għax permezz tagħha jibda jiltaqa' mar-realtà. Il-ħsieb tar-ritorn tiegħu għand il-Missier mhux ġej minn vera ndiema imma minn sempliċi bżonn. In-nostalġija għad-dar mhux ġejja min-nuqqas tal-missier imma min-nuqqas tal-ħobż. Madanakollu, dan mhux se jżomm lill-missier li jilqgħu lura. L-indiema egoista tal-iben se tiġi ipperfezzjonata mill-ferħ u mill-imħabba li biha se jintlaqa' lura. L-importanti hu li l-motivazzjonijiet tal-iben jikbru u jinfetħu iktar.

**v. 20-24: Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. It-tifel qallu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek". Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!" U għamlu festa.**

Għalkemm l-iben kien qata' kull rabta ma' missieru u kkunsidrah mejjet, il-missier jibqa' jagħrfu, u għalih għad għandu identità li – minkejja dak li ġara – tibqa' mhix minsusa. Bla ma jħalli lill-iben jinxteħet f'riġlejh, jħaddnu miegħu u jbusu, meta ma kienx suppost messu minħabba l-impurità tiegħu. L-iben jiġi mwaqqaf fl-aħjar parti tal-istqarrija tiegħu mingħajr ma jkun kostrett jgħid il-motivazzjoni vera wara r-ritorn tiegħu d-dar. Il-missier ma jweġibx bil-kliem imma billi jordna lill-qaddejja biex lil dan ilibbsuh mill-ġdid bis-sinjali tal-identità tiegħu ta' iben: l-isbaħ libsa hija konferma tar-relazzjoni ġdida bejnu u bejn missieru, iċ-ċurkett bis-siġill tal-familja juri r-ritorn fid-dar, is-sandli li juri li (kontra kif kien ippjana li jgħid l-iben) mhux lavrant imma werriet mill-ġdid ta' missieru. Il-festa turi li r-relazzjoni bejn iben u missier tista' tiġi irkuprata u mogħtija sens ġdid, aqwa minn ta' qabel.

**v. 25-30: Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sama' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dak x'kien. Dak qallu: "Hawn ħuk u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ". Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. Iżda hu qal lil missieru: "Ara, ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek**

**qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen".** Ir-relazzjoni li l-iben il-kbir għandu ma' missieru hija identika għal dik ta' lsir ma' sidu. Huwa jinterpreta l-eżistenza tiegħu bħala sagrifiċċju kontinwu biex ikun jista' jikseb il-wirt tal-missier. Ir-relazzjoni tiegħu ma' missieru tinbena fuq fedeltà passiva u ubbidjenti li tillimita ruħha li tirrepeti l-ħajja tal-missier, mingħajr libertà u kreattività. Filwaqt li l-iben iż-żgħir joħroġ minn daru, ikollu l-opportunità jagħraf l-identità tiegħu, u allura għandu l-kapaċità li jinbidel u jerġa lura, il-kbir jirrinunzja għat-tfittxija tal-identità tiegħu u mingħalih li se jirnexxielu jgħix ħajtu kollha f'kalma apparenti għall-konvenjenza tiegħu. Ir-ritorn ta' ħuh ikun in-niċċa li twasslu biex jaqa' (b'reazzjonijiet koroh) f'dak li qatt ma ħolom li se jagħmel (ara, M. RECALCATI, "Il coraggio del figliol prodigo di sfidare il padre", f'*La Repubblica*, 10 April 2016). X'riskju hemm li ninterpreta s-sejħa tiegħi bħala passività fid-dar tal-Missier biex ma niħux ir-riskju li niltaqa' mal-identità tiegħi?

**v. 31-32. Qallu missieru: "Ibni, inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!"**
Anki lill-ibnu l-kbir il-missier jerġa jfakkru li mhux lavrant, imma iben. Jirreperti bil-kliem dak li bil-ġesti kien qal lill-iben iż-żgħir. L-iben il-kbir kellu identità li tfarrket u li issa jista' jibni mill-ġdid. Imma l-għeluq tal-parabbola mhuwiex speċifikat, storja li tkompli... anki għall-iben iż-żgħir.